TRIBUNAL GĦAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

MALTA

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

Avviż Numru CCT 291/10

**Mary Bugeja**

**vs**

**Right Deal Ltd.**

Illum 14 ta' Mejju, 2012

**It-Tribunal**

Wara li ħa konjizzjoni tal-Avviż fl-ismijiet fuq premessi pprezentati fl-4 t'Awwissu, 2010 fejn ir-rikorrenti talbet danni ta' mitejn u sitta u ħamsin ewro (€256), rappreżentanti prezz ta' *washing machine twintub* li waqt li tkun qed tagħsar din tieqaf fin-nofs.

L-intimat ippreżenta risposta bil-miktub għal din it-talba, u attenda għas-seduta.

Illi wara li sema' x-xhieda ġuramentata tar-rikorrenti li hija l-istess rikorrenti, u wara li sema' x-xhieda tal-intimat li huwa rappreżentant tas-soċjeta' intimata, u wara li ħa konjizzjoni tal-fatti kif ukoll taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ;

**Ikkunsidra s-segwenti:**

Ir-rikorrenti ssottomettiet bil-miktub illi hija xtrat *washing machine twintub* u waqt li tkun qed tagħsar, din kienet tieqaf fin-nofs, u minkejja li mar *technician* sabiex isewwiha, din xorta baqgħet bl-istess problema. Minkejja li reġa' ħadha, t-*technician* infurmaha li trid tużaha fuq numru 2 u mhux fuq numru 5, illi din mhijiex aċċettabbli.

L-intimat issottometta li r-rikkorrenti mhux qed tuża l-*washing machine* tajjeb u qed tħalliha taħdem iż-żejjed u b'hekk din ġralha l-ħsara.

**It-Tribunal jinnota illi:**

It-Tribunal, wara li sema' lill-partijiet, jinnota illi t-*twintub* qed tiġi wżata tajjeb mir-rikorrenti u li l-ħsara li ġralha minħabba problemi li jista' jkun li fiha l-*washing machine*.

**Għal dawn il-motivi:**

It-Tribunal, qed jilqa' t-talba tar-rikorrenti, u jordna lis-soċjeta' intimata tħallas l-ammont ta' mitejn ewro (€200), b'dan illi l-*washing machine twintub* tiġi propjeta' tas-soċjeta' intimata wara li jsir il-ħlas, bl-ispejjeż kontra l-istess soċjeta' intimata.

**Avv Martin Fenech**
**Arbitru**

47A, SOUTH STREET, VALLETTA VLT 1101 – MALTA TELEPHONE: (+356) 21227070. FAX: (+356) 21239888